# IL-GĦID IL-KBIR

Il-Għid il-Kbir tagħna l-insara, sewwa fit-tifsir tiegħu u sewwa fil-jum li fih isir, marbut mal-Għid tal-Lhud. Bħalma l-Għid tal-Lhud kien tifkira tal-ħelsien tagħhom mill-jasar tal-Eġittu, hekk il-Għid tagħna hu tifkira tal-ħelsien tagħna mill-jasar tad-dnub; bħalma l-Għid tal-Lhud kien jimxi mal-qamar, hekk ukoll il-Għid tagħna. Inħarsu ħarsa lejn l-imgħoddi biex nifhmu aħjar il-ħsieb tal-Knisja u l-ġrajja li tfakkarna fihom f'dan il-jum.

Wara li kien ilhom il-Lhud snin twal fil-jasar tal-Eġittu, wasal il-waqt tal-ħelsien. Għalhekk bagħat il-Mulej il-Mosê għand Fargħun biex jitolbu jitlaq il-Lhud. Ma riedx jisma' Fargħun, imma żied jaħqar il-Lhud. Fl-aħħar qal il-Mulej lil Mosê: Għid lill-Lhud biex fl-ewwel tax-xahar, jiġifieri meta jġedded il-qamar, jieħdu ħaruf għal kull dar u wara ġimagħtejn joqtluh u jiekluh, u jċappsu b'demmu l-bieb ta' barra. U hekk għamlu. U dak il-lejl mietu t-tfal il-kbar kollha tal-Eġittu. Biss fid-djar imċappsin bid-demm ma daħletx il-mewt. Imbeżżgħin u mbikkijin in-nies tal-Eġittu mhux biss ħallew il-Lhud jitilqu minn arthom, iżda bagħtuhom ħin bla waqt. U hekk il-Lhud kienu meħlusin mill-jasar. Kienet ir-rebbiegħa u kien l-ewwel qamar tar-rebbiegħa meta sar dan.

Kien dan l-ewwel Għid tal-Lhud li, skond il-liġi ta' Mosê, kellhom jibqgħu jagħmluh minn sena għal sena. Mela l-Għid tal-Lhud kien tifkira tal-ħelsien tagħhom mill-jasar tal-Eġittu, li kien xbieha tal-ħelsien tad-dinja kollha mill-jasar tad-dnub, u kien isir dejjem fil-qamar kwinta, jiġifieri, erbatax il-jum wara li jġedded il-qamar ta' Marzu. Għal dak in-nhar il-Lhud kollha kienu jmorru Ġerusalem biex joqtlu l-ħaruf tal-Għid, bħalma tgħid il-Liġi. U Ġesù Kristu wkoll, li kien iħâres il-Liġi tal-Lhud, kien kien imur Ġerusalem nhar il-Għid bħan-nies l-oħra. Kien fi żmien il-Għid li Ġesù Kristu kien maqbud u maqtul mill-Lhud. Jiġifieri, fil-waqt li l-Lhud kienu qegħdin joqtlu l-ħaruf li jfakkarhom fil-ħelsien tal-Eġittu, Ġesu Kristu ħaruf bla tebgħa, kien qiegħed imut biex jeħles id-dinja mill-jasar tad-dnub. Mela l-mewt ta' Kristu kienet it-tmiem tal-Għid tal-Lhud l-bidu tal-Għid tal-insara.

L-ewwel insara baqgħu huma wkoll jagħmlu l-Għid, iżda ma kenux jaqblu bejniethom. L-insara tal-Lvant kienu jagħmluh meta jaħbat il-qamar kwinta ta' Marzu, imma l-insara ta' Ruma kienu jagħmluh il-Ħadd ta' wara. Iżda fis-sena 325 il-Papa qatagħha li l-Għid għandu jsir il-Ħadd ta' wara l-ewwel qamar kwinta, bħalma għadu jsir sal-lum.

U xi jfisser il-Għid tal-insara? L-insara tal-Lvant donnhom kienu jagħmlu tifkira tal-mewt ta' Kristu, la darba kienu jagħmlu l-Għid fil-qamar kwinta meta miet Ġesù. U l-insara ta' Ruma aktarx li kienu jagħmlu tifkira tal-qawma ta' Kristu mill-

imwiet la darba kienu jagħmlu l-Għid nhar ta' Ħadd meta Kristu qam mill-mewt. Nafu biss li l-ewwel insara kienu jsumu u jgħaddu l-lejl tal-Għid fit-talb. Il-lum fit-talb tal-quddiesa ta' żmien il-Għid, talb li għadu ġejj minn żmenijiet qodma, il-Knisja ssemmi flimkien il-mewt ta' Kristu u l-qawma tiegħu mill-imwiet. Hekk fil-quddiesa tal-Għid il-qassis igħid: "Il-mewt u l-ħajja tqâbdu bejniethom, sid il-ħajja *mejjet*, isaltan *ħajj*." "Kristu bil-*mewt* tiegħu qered il-mewt tagħna, u raddilna l-ħajja bil-*qawma* tiegħu mill-imwiet." Mela la darba l-Knisja rabtet flimkien il-mewt ta' Kristu u l-qawma tiegħu fit-talb ta' nhar il-Għid, għandna naħsbu li fl-ewwel żmenijiet il-Għid kien it-tifkira tal-mewt ta' Kristu u tal-qawma tiegħu.

F'dawn l-ewwel żmenijiet ma kellha l-Knisja ebda jum ieħor li fih tfakkarna fil-misterju tal-fidwa tagħna, u hekk nifhmu l-għala t-tifkira tal-mewt ta' Kristu kienet issir nhar il-Għid. Iżda maż-żmien daħlu fil-Knisja drawwiet oħra: bdiet issir tifkira tal-ġimgħa l-kbira kollha: Ħadd iż-Żebbuġ, Ħamis ix-Xirka, il-Ġimgħa l-Kbira, Sibt il-Għid u l-Għid il-Kbir. Minn dak iż-żmien it-tifsira tal-Għid inqasmet fi tnejn: it-tifkira tal-mewt bdiet issir nhar il-Ġimgħa, u nhar il-Ħadd issir it-tifkira tal-qawma mill-imwiet biss.

Mela l-Għid tal-Lhud kien tifkira tal-ħelsien tagħhom mill-Eġittu, u l-Għid tal-insara hu tifkira tal-ħelsien tal-bnedmin kollha mill-jâsar tad-dnub; il-Għid tal-Lhud kien isir fil-qamar kwinta ta' Marzu, u l-Għid tal-insara jsir il-Ħadd li jiġi wara l-qamar kwinta ta' Marzu; il-Għid tal-insara dari kien tifkira tal-mewt ta' Kristu u tal-qawma tiegħu, il-lum hu tifkira tal-qawma ta' Kristu mill-imwiet biss.

P. P. SAYDON.